

32004E0493

L 181/24

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

18.5.2004

**POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2004/493/PESK****tas-17 ta' Mejju 2004****li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2002/400/PESK dwar l-ilqugħ temporanju minn Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ta' ċerti Palestinjani**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Mejju 2002, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2002/400/PESK li tikkonċerna l-ilqugħ temporanju mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ta' ċerti Palestinjani <sup>(1)</sup> u li tagħtihom permessi nazzjonali validi għal perijodu ta' żmien sa 12-il xahar.
- (2) Fid-19 ta' Mejju 2003, il-Kunsill adotta Pożizzjoni Komuni 2003/366/PESK li temenda l-Posizzjoni Komuni 2002/400/PESK <sup>(2)</sup> u timmodifika l-validità ta' dawn il-permessi għal perijodu ta' 24 xahar.
- (3) Il-validità ta' dawn il-permessi għandha tiġi estiża għal perijodu ieħor ta' 6 xhur,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

*Artikolu 1*

Il-Pożizzjoni Komuni 2002/400/PESK hija hawnhekk emendata kif ġej:

- 1) l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 3 għandu jaqra kif ġej:  
"Kull wieħed mill-Istati Membri msemija fl-Artikolu 2 għandu jipprova lill-Palestinjani li jilqa' b'permess nazzjo-

nali biex jidħlu fit-territorju tiegħu u joqgħodu għal perijodu sa 30 xahar.";

- 2) L-Artikolu 8 għandu jaqra kif ġej:

*"Artikolu 8*

Il-Kunsill għandu jżomm l-applikazzjoni ta' din il-Pożizzjoni Komuni taħt revizzjoni u għandu jagħmel valutazzjoni ta' din l-applikazzjoni fi żmien 29 xahar mill-adozzjoni tagħha jew iktar kmieni fuq it-talba ta' kwalunkwe wieħed mill-membri tiegħu."

*Artikolu 2*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussell, nhar is-17 ta' Mejju 2004.

*Għall-Kunsill**Il-President*

B. COWEN

<sup>(1)</sup> ĠU L 138, tat-28.5.2002, p. 33.

<sup>(2)</sup> ĠU L 124, ta' l-20.5.2003, p. 51.